



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Marzu 2023
(OR. en)

5858/23

LIMITE

CORLX 116
CFSP/PESC 161
CSDP/PSDC 83
MAMA 19
CONUN 27
CSC 58
EUNAVFOR MED 3

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea
fil-Mediterran
(EUNAVFOR MED IRINI)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472¹, li stabbiliet operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI).
- (2) Fis-26 ta' Marzu 2021, wara Rieżami Strateġiku tal-operazzjoni, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/542², li fost l-oħrajn estendiet l-EUNAVFOR MED IRINI sal-31 ta' Marzu 2023.
- (3) Fil-kuntest tar-Rieżami Strateġiku tal-operazzjoni, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li l-EUNAVFOR MED IRINI jenħtieġ li tiġi estiża sal-31 ta' Marzu 2025.
- (4) Jenħtieġ li d-disponiment ta' armi u materjal relatat issekwestrat mill-EUNAVFOR MED IRINI jiġi ffaċilitat aktar.
- (5) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/542 tas-26 ta' Marzu 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (ĠU L 108, 29.3.2021, p. 57).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/472 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2, fil-paragrafu 5, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Stat Membru li jassisti lill-EUNAVFOR MED IRINI fid-disponiment ta' armi u materjal relatat issekwestrat għandu jimpenja ruħu, mal-komunikazzjoni mill-EUNAVFOR MED IRINI ta' ċertifikat ta' sekwestru, li jlesti malajr kemm jista' jkun il-proċeduri meħtieġa biex ikun permess id-disponiment tal-oġġetti sekwestrati, fi ħdan il-qafas tal-liġi u l-proċeduri applikabbli. EUNAVFOR MED IRINI għandha ttipprovdi ċertifikat ta' disponiment lil dak l-Istat Membru.";

- (2) fl-Artikolu 13, jinżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Għall-perjodu mill-1 ta' April 2023 sal-31 ta' Marzu 2025, l-ammont ta' referenza għall-ispejjeż komuni tal-EUNAVFOR MED IRINI għandu jkun ta' EUR 16 921 000. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 51(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 għandu jkun ta' 10 % għal impenji u 5 % għal pagamenti.";

- (3) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-EUNAVFOR MED IRINI għandha tintemm fil-31 ta' Marzu 2025.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
